BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 13/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 3 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 12/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Wara li K.Barun talab għal korrezzjoni fil-Minuti Aġenda 5 Paragrafu 2, J.Baldacchino ppropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/10 -* Tressqet petizzjoni minn residenti ta' Triq it-Tankijiet sabiex isiru *sleeping policemen* fl-istess triq. Il-Kamra qablet li qabel tittieħed deċiżjoni għandu jiġi vverifikat li l-persuni li joqogħdu fi Triq it-Tankijiet li ser jiġu affetwati jkunu iffirmaw kollha.

*02/10 -* Fl-aħħar Seduta l-Kamra talbet għal aktar informazzjoni fir-rigward ta' NETOONS. Din l-informazzjoni ġiet ippreżentata fuq il-mejda. Il-Kamra qablet li tibbukkja sessjoni f'dan il-programm. Id-data għanda tintgħażel minn B.Pace skont l-attivitajiet li ser jiġu organizzati.

*03/10 -* Is-Segretarju Eżk. ippreżentat fuq il-mejda kont tax-xogħol ta' żebgħa f'Dawret il-Qalb Imqaddsa minħabba li kien hemm diskrepanza ta' madwar €1500 mill-istima tax-xogħol. Il-Kamra qablet li għandu jiġi vverifikat il-kejl tax-xogħlijiet qabel il-kont jgħaddi għall-pagament.

***AĠENDA -3***

- *Offerta Pubblika Nru. 04/12 – Kisi ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP*

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra żewġ stimi ta' metodi differenti għall-kisi tal-Bajja s-Sabiħa u Misraħ is-Summit. Il-Kamra evalwat iż-żewġ metodi u ġie deċiż li jiġi kkonsultat il-Perit tal-Kunsill qabel tittieħed deċiżjoni.

- *Offerta Pubblika Nru. 05/12 – Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Żbir ta' Siġar*

F'Seduta Nru. 12/12 il-Kamra talbet li l-prezzijiet kwotati mill-uniku offerent jiġu mqabbla mal-prezzijiet tal-kuntratt eżistenti. Dawn ġew imqabbla u minħabba li r-rata ta' żieda fil-prezzijiet kienet ta' kważi 40% il-Kamra qablet li titkellem mal-kuntrattur.

- *Kwotazzjoni Nru. 09/12 – Provista ta' Insurance*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1 | KDM Insurance Brokers PCC Ltd. | €2120.33 |
| 2 | Allcare Insurance Brokers Ltd. | €1428.00 |
| 3 | Omnitec Ltd. | €1771.69 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li qabel tittieħed deċiżjoni l-Kunsill għandu jieħu parir fuq il-polza tal-assikurazzjoni.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €31739.93 titħallas skont Skeda Nru. 10/12.

***AĠENDA -5***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- 'Jum Birżebbuġa' ser isir nhar is-6 ta' Ottubru 2012 fis-sala tal-iskola fis-7.30pm.
- hemm bżonn jinxtraw *fire extinguishers* kemm għas-sala kif ukoll għall-uffiċini. C.Cachia ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ukoll ta' *emergency lights*. Kulħadd qabel.
- minħabba li x-xogħol tal-uffiċċju kulma jmur qed jiżdied u jsir aktar impenjattiv il-Kamra għandha tiddiskuti jekk il-ħaddiema klerikali li għandu bħalissa l-Kunsill humiex jirriflettu l-esiġenzi tax-xogħol. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandna nġibu l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex nimpjegaw persuna fi grad ta' prinċipal.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- ta rendikont tax-xogħol li hu, bħala Kunsillier kif ukoll membru tas-sotto-kumitat, wettaq għall-attivita' 'Inġeddu Tfulitna'.

- issuġġerixxa li tibda titla' kuljum l-bandiera tal-Kunsill Lokali fl-arblu li hemm fir-*roundabout* ta' Triq San Ġorġ u tibqa' hemm 24x7. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-bandiera fil-preżent titla' kull nhar ta' Ħadd u li bandiera trid titniżżel ma' nżul ix-xemx. Għaldaqstant il-Kamra qablet li l-bandiera tal-Kunsill tibqa' tittella' nhar ta' Ħadd biss.

- talab sabiex tinġieb informazzjoni sabiex il-Kamra tikkonsidra *cameras* f'siti differenti ta' Birżebbuġa. Għandna naraw Kunsilli oħra x'jagħmlu sabiex nimxu fuq sistemi li diġa rnexxew.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- issuġġerixxa li jibda jinħatar bord għal kull offerta pubblika tal-Kunsill Lokali. Il-bord għandu jkun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsillier li l-offerta pubblika tkun taqa' taħt id-delega tiegħu, mill-Kunsillier responsabbli mix-xogħlijiet u resident. Kulħadd qabel. Issuġġerixxa wkoll li s-Sur Emanuel Mangion ikun ir-resident membru ta' dan il-bord. Kulħadd qabel.

4) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- fakkar lill-Kamra sabiex nieħdu parir ta' avukat fuq it-talba għall-garanziji lill-bank ta' Alfred Schembri & Sons. Ltd. Talab ukoll sabiex jekk il-proċess ser jieħu fit-tul nitolbu l-imgħax fuq is-somma.

- talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-*cleaner* sabiex boroż tal-iskart mis-sala għandhom jitpoġġew fil-garaxx sabiex jinħarġu għall-ġbir fl-ewwel ġurnata ta' xogħol.

- saħaq li l-latrini mhux qed jinżammu nodfa kif għandhom ikunu u għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja min-naħa tal-*contracts manager*.

5) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- informa l-Kamra li wara laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti ta' Transport Malta u tal-Kumitat Għal Qajjenza Aħjar, Transport Malta aċċettat il-proposti tal-Kunsill Lokali fir-rigward tal-immaniġġar tat-traffiku għal Triq Għar Dalam.

- talab informazzjoni fir-rigward tax-xiri tal-palm u t-tħawwil tal-palm iż-żgħir. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-palm li xtrajna nżera' llum fil-Bajja s-Sabiħa (playing-field) u li l-ġardinar tal-Kunsill ser jieħu ħsieb li jiġbor xi palm żgħir mill-Bajja s-Sabiħa sabiex inkabbruhom.

- ta rendikont lill-Kamra fuq applikazzjoni antika għal *bus shelters*. Dawn waslu fil-proċess ta' *tendering* sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Ser jiżdiedu wkoll tlett *bus stops* fi Triq Ħal Far; waħda qrib Daħlet il-Mitjar il-Qadim direzzjoni lejn Birżebbuġa u tnejn ħdejn l-ETC waħda f'kull direzzjoni. L-applikazzjoni għal *bus stop* fi Triq Ħal Far kantuniera ma' Triq Tal-Papa għada pendenti.

- informa l-Kamra li l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali issottometta applikazzjoni l-MEPA għar-restawr tal-Kappella tad-Duluri fi Triq il-Knisja.

- staqsa lill-Kamra jekk hemmx pjan ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li m'hemmx tali pjan. Is-Sindku informa l-Kamra lix-xogħol isir skont il-bżonn u l-prijoritajiet li jinħolqu.

- saħaq li hemm bżonn li l-Kunsill Lokali joħroġ offerta pubblika għal xogħol ta' Perit għaliex fil-preżent qed ikun hemm dewmien fejn jidħol tali xogħol. Kulħadd qabel.

6) Il-Kunsilliera, Ms.B.Pace :

- infurmat lill-Kamra li ser jerġgħu jibdew l-attivitajiet kulturali kull xahar. Ukoll ser isiru *fitness classes* u *nutrition classes* fis-sala.
- infurmat lill-Kamra li ser terġa' tittella' l-attivita' f'Diċembru b'risq il-Community Chest Fund. Aktar dettalji 'l quddiem.
- infurmat lill-Kamra li kellha laqgħa mas-surmast fejn ġiet diskussa l-possibbilta' li ssir attivita' li tinvolvi t-tfal li jattendu l-iskola sabiex inħeġġuhom għal *healthy lifestyle* pero' attivitajiet simili diġa jsiru fl-iskejjel min-naħa tal-Kunsill Malti għall-Isport u li tajjeb li naraw x'attivitajiet jistgħu jsiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isport.
- tat rendikont lill-Kamra fir-rigward tal-laqgħa mal-Onor. Dr Mario de Marco, Ministru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent fuq siti storiċi fil-lokal. Il-Kunsill ingħata parir sabiex jinħatar kumitat u dawn is-siti storiċi jiġu elenkati.
- issuġġerit li jiġi mpjegat mal-Kunsill Lokali EU Officer bħalma għandhom postijiet bħal Belt Valletta u l-Birgu. Il-Kamra qablet li qabel jitqies dan is-suġġeriment għandna naraw jekk hux vijabbli li jkollna tali mpjegat.

7) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- talab sabiex ngħaddu rapport l-għassa fuq l-allegat abbuż ta' BBQ fil-Bajja s-Sabiħa nhar is-Sibt, 18 ta' Awwissu 2012. Fakkar lill-Kamra li dakinhar il-Kunsill Lokali għamel rapport l-għassa pero' wara spezzjoni mill-pulizija rriżulta li ma kienet qed tinkiser l-ebda liġi.
- irrimarka li hemm bżonn li ssir xi ħaġa Triq Birżebbuġa kantuniera ma' Triq San Ġorġ sabiex is-sewwieqa ma jibqgħux ħerġin bl-addoċċ minn ħdejn ir-*roundabout* ta' San Ġorġ fid-direzzjoni lejn Triq Għar Dalam.
- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li fi Triq Ħal Far (ħdejn il-caribbean) hemm *zebra crossing* mingħajr dawl.
- issuġġerixxa li Triq Żarenu Dalli tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħinijiet ta' ħruġ u dħul tat-tfal tal-iskola.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm.

.

| ......................................... | ............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |